Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2026/2027(INI)

24.7.2026

EMENDI
251 - 474

Abbozz ta' rapport
Denis Nesci
(PE790.121v01-00)

Il-politika ta' koeżjoni – il-forza motriċi fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għall-bliet
(2026/2027(INI))

Emenda 251
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***10c. Jenfasizza li l-Aġenda tal-UE għall-Bliet u d-dimensjoni urbana tal-Politika ta' Koeżjoni se jirnexxu biss jekk il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni jiġu adattati għar-realtajiet prattiċi li jiffaċċjaw il-proġetti urbani fil-post;**

Or. en

Emenda 252
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10d. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss it-trasport pubbliku lokali bħala pilastru tal-koeżjoni territorjali, l-inklużjoni soċjali u l-kompetittività Ewropea, u li huwa indispensabbli fil-muniċipalitajiet żgħar u ta' daqs medju u fiż-żoni interni; ***jissottolinja l-ħtieġa li jiġi promoss approċċ strateġiku li jirrikonoxxi t-trasport pubbliku bħala s-sinsla ta' strateġija industrijali Ewropea ġenwina, li jidderieġi l-investiment lejn l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista industrijali interni għall-vetturi elettriċi, tal-idroġenu u ferrovjarji;***

Or. it

Emenda 253
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10d. Jappella għal regoli simplifikati u armonizzati, rekwiżiti tal-awditjar proporzjonati, użu usa' tal-għażliet ta' kostijiet simplifikati, ċertezza legali akbar, prefinanzjament suffiċjenti, skedi ta' żmien realistiċi għall-implimentazzjoni, u portal uniku u faċli għall-utent li jiġbor flimkien l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE rilevanti għall-bliet;

Or. en

Emenda 254
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali;	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali; ***jappella għal appoġġ akbar għall-bliet fl-isforz tagħhom biex jipprovdu programmi u avvenimenti li jippromwovu l-isport għad-dilettanti b'xejn jew affordabbli, fi sħubija mill-qrib mal-klabbs sportivi lokali, filwaqt li jinbnew, jiġu mmodernizzati u jinżammu l-infrastruttura u l-faċilitajiet sportivi komunitarji, b'mod partikolari għat-tfal u ż-żgħażagħ, jiġi rikonoxxut il-kontribut tal-isport għas-saħħa pubblika, għall-inklużjoni soċjali u għall-iżvilupp tal-komunità;***

Or. en

Emenda 255
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali;	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali***, filwaqt li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, jappoġġja stili ta' ħajja attivi u jrawwem komunitajiet lokali aktar b'saħħithom***; ***jappella għal investiment akbar f'infrastruttura sportiva u rikreattiva aċċessibbli u affordabbli, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-kontribut tagħha għas-saħħa pubblika, il-benesseri taċ-ċittadini u l-attraenza tal-bliet għall-familji u l-ġenerazzjonijiet futuri;***

Or. en

Emenda 256
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali;	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali; ***jisħaq li l-aċċess għall-infrastruttura tal-isport u għall-ispazji pubbliċi tal-attività fiżika jgħin biex tittejjeb is-saħħa pubblika, tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, jiġu integrati l-komunitajiet u tiżdied l-attraenza tal-bliet u jitlob li dawn l-investimenti jiġu appoġġjati b'finanzjament Ewropew;***

Or. ro

Emenda 257
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, ***tal-benesseri u*** tal-inklużjoni soċjali;	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, ***tal-benesser,*** tal-inklużjoni soċjali ***u tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja komunitarja urbana***; ***jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata infrastruttura sportiva aċċessibbli, sikura u ta' kwalità fil-bliet ta' kull daqs, inkluż permezz tal-Fond ta' Koeżjoni u l-fondi Ewropej;***

Or. it

Emenda 258
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali***;***	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali***, speċjalment il-programmi muniċipali organizzati għall-attività fiżika, il-prevenzjoni tal-mard, l-ikel tajjeb għas-saħħa, u stil ta' ħajja attiv.*** ***Jappella wkoll għal aktar investiment f'infrastruttura sportiva aċċessibbli;***

Or. en

Emenda 259
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala

strument ta’ promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri ***u*** tal-inklużjoni soċjali;	strument ta’ promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri***,*** tal-inklużjoni soċjali ***u tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja tal-komunità lokali***;

Or. it

Emenda 260
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta’ promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali;	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta’ promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali***, b’mod partikolari għaż-żgħażagħ u l-gruppi vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 261
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta’ promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali;	11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta’ promozzjoni tas-saħħa ***mentali u fiżika***, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 262
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza l-importanza ta' servizzi pubbliċi aċċessibbli, ta' kwalità għolja u bbażati fil-komunità fil-bliet; jisħaq li l-politika ta' koeżjoni għandha tkompli tappoġġja l-investimenti f'infrastruttura komunitarja moderna, inklużiva u aċċessibbli bħal żoni ekoloġiċi, playgrounds u ġonna komunitarji, b'mod partikolari għat-tfal, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà u gruppi vulnerabbli oħra, u b'hekk issaħħaħ il-komunitajiet u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini fil-bliet u fiż-żoni urbani;

Or. en

Emenda 263
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. billi t-turiżmu jammonta direttament għal madwar 5 % tal-PDG tal-UE, jirrikonoxxi l-pressjoni dejjem akbar li jpoġġi fuq il-komunitajiet lokali f'destinazzjonijiet turistiċi; b'mod partikolari fir-rigward tal-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni, jafferma mill-ġdid il-bżonn li jittaffa dan il-piż billi jiġu promossi mudelli tat-turiżmu sostenibbli, soċjalment responsabbli u bbilanċjati li jipproteġu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti, jiżguraw distribuzzjoni ġusta tal-benefiċċji ekonomiċi, u jappoġġjaw l-ekonomiji lokali u s-servizzi pubbliċi;

Or. en

Emenda 264
Valentina Palmisano

f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati tal-komunità, inklużi l-klabbs sportivi, fit-tfassil konġunt tal-pjanijiet urbani; jissottolinja l-importanza ta' forma ta' "benesseri sportiv ibbażat fil-komunità" li tiżgura li l-minorenni u l-adolexxenti jgawdu aċċess universali u kontinwu għall-attività fiżika f'viċinati vulnerabbli, u li taġixxi bħala għodda biex jiġi indirizzat il-faqar edukattiv u titrawwem l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà;

Or. it

Emenda 265
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza l-kontribut tal-kultura, il-wirt kulturali u s-setturi kreattivi għall-koeżjoni soċjali, l-identità lokali, l-iżvilupp ekonomiku u l-attraenza tal-bliet; jappella għal appoġġ adegwat għall-infrastruttura kulturali, l-inizjattivi kulturali pubbliċi u privati lokali u l-preservazzjoni tat-tradizzjonijiet, b'mod partikolari fi bliet żgħar u ta' daqs medju fejn ir-restrizzjonijiet baġitarji spiss jheddu l-attivitajiet kulturali u l-ħajja komunitarja.

Or. en

Emenda 266
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jappella għal aktar investiment fl-intraprenditorija taż-żgħażagħ, fiċ-ċentri ta' innovazzjoni, fil-programmi ta' volontarjat u fil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fit-teħid ta' deċiżjonijiet lokali;

Or. en

Emenda 267
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-kultura fit-trawwim tal-koeżjoni soċjali u fit-tisħiħ tal-identitajiet lokali fil-bliet; jenfasizza l-kontribut tal-istituzzjonijiet kulturali, inklużi t-teatri, il-mużewijiet, il-libreriji u ċ-ċentri kulturali, kif ukoll il-festivals u avvenimenti kulturali oħra, għar-riġenerazzjoni urbana, it-turiżmu, l-edukazzjoni u l-involviment tal-komunità; jisħaq fuq l-importanza li jinħolqu sinerġiji bejn il-politika ta' koeżjoni u l-programm AgoraEU biex jiġu appoġġjati l-infrastruttura kulturali, il-kooperazzjoni kulturali transfruntiera u l-aċċess għall-kultura fil-bliet Ewropej;

Or. en

Emenda 268
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jenfasizza l-importanza tal-attivitajiet kulturali u kreattivi biex jattiraw u jżommu ż-żgħażagħ, il-ħaddiema tas-sengħa u l-intraprendituri; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali jintegraw il-politiki kulturali fi strateġiji usa' ta' żvilupp urban u kompetittività;

Or. en

Emenda 269
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa; ***l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tas-saħħa diġitali u l-applikazzjonijiet tat-telemediċina; l-appoġġ tas-sistemi tas-saħħa muniċipali intelliġenti (Sistemi tas-Saħħa Muniċipali Intelliġenti), il-protezzjoni tal-ambjent u r-riżorsi naturali, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fil-bliet, kif ukoll il-promozzjoni tal-iżvilupp urban sostenibbli u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali;***

Or. en

Emenda 270
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa; ***jappoġġja l-promozzjoni ta' proġetti tal-bliet intelliġenti u l-applikazzjoni tal-IA u ta' għodod diġitali avvanzati fl-iżvilupp ta' politiki urbani; iqis li t-teknoloġiji ta' verifika awtomatika bħall-Blockchain u l-kuntratti intelliġenti jistgħu jkunu utli fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kejl tal-impatt tal-proġetti ffinanzjati mill-UE.***

Or. en

Emenda 271
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa***, filwaqt li jiġu żgurati n-newtralità teknoloġika, iċ-ċibersigurtà u r-rispett sħiħ għall-protezzjoni tad-data***; ***iħeġġeġ lill-bliet jagħmlu użu akbar mis-soluzzjonijiet diġitali, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, meta xieraq, sabiex itejbu s-servizzi pubbliċi, inaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jżidu l-effiċjenza tal-governanza urbana;***

Or. en

Emenda 272

Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, ***inklużi dawk*** tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, ***inkluż l-aċċess għas-servizzi*** tas-saħħa ***komunitarji permezz tat-telemediċina u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-outpatient***; ***jitlob li l-Ultra-Broadband jiġi estiż għar-reġjuni muntanjużi u l-irħula ġirien — miżura li, billi tnaqqas il-konġestjoni f'żoni urbani kbar, hija prekundizzjoni ewlenija għat-trawwim tax-xogħol mill-bogħod;***

Or. it

Emenda 273
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa; ***jappella għal appoġġ għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà intelliġenti, inklużi sistemi intelliġenti ta' ġestjoni tat-traffiku, infrastruttura ta' parkeġġ intelliġenti u l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà attiva fin-networks tat-trasport eżistenti sabiex jitnaqqsu l-konġestjoni u l-emissjonijiet filwaqt li jittejbu l-aċċessibbiltà u s-sikurezza;***

Or. en

Emenda 274
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA ***fit-titjib tal-ippjanar*** urban, ***tal-effiċjenza*** enerġetika, ***tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi*** pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA ***biex jittejbu l-ippjanar*** urban, ***l-effiċjenza*** enerġetika, ***il-kwalità tal-arja, il-mobbiltà, is-servizzi*** pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa***, fl-avvanz tat-tranżizzjoni diġitali u sostenibbli, filwaqt li jiġi żgurat approċċ iċċentrat fuq in-nies li jippromwovi l-benesseri taċ-ċittadini***; ***jissottolinja l-importanza ta' servizzi pubbliċi diġitali aċċessibbli u inklużivi għal kulħadd, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltà u ċ-ċittadini anzjani;***

Or. en

Emenda 275
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa; ***jissottolinja li l-iżvilupp u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jridu jżommu approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, li jqiegħed lill-individwu u d-drittijiet tiegħu fil-qalba tal-innovazzjoni.***

Or. it

Emenda 276
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;	12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA***, inklużi t-tewmin diġitali u l-iżvilupp urban xprunat mid-data,*** fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;

Or. en

Emenda 277
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja l-importanza li jiġi promoss il-prinċipju tal-prossimità enerġetika fil-politiki ta' tranżizzjoni ambjentali taż-żoni urbani u t-territorji tal-madwar tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li l-iżvilupp ta' installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli jiġġenera benefiċċji diretti, tanġibbli u ridistribuттivi għat-territorji u l-komunitajiet ospitanti; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġi appoġġjat l-użu ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, sistemi kollettivi ta' awtokonsum u grilji intelliġenti fil-livell lokali sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku u jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ma tiġix perċepita bħala

proċess estrattiv iżda bħala opportunità għal żvilupp territorjali ġust;

Or. it

Emenda 278
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq fuq il-bżonn li l-bliet jiżguraw aċċess ugwali u nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa; jissottolinja r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet urbani biex jindirizzaw il-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-komunitajiet, kif ukoll l-importanza tal-aċċessibbiltà urbana biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom għall-mobbiltà, l-edukazzjoni u l-impjieg, u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp urban inklużiv permezz ta' strumenti ta' finanzjament aċċessibbli;

Or. en

Emenda 279
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ lill-bliet jintegraw il-prinċipji tas-sikurezza mid-disinn fi proġetti ta' ppjanar urban u ta' riġenerazzjoni, inkluż permezz ta' tidwil pubbliku mtejjeb, spazji pubbliċi aċċessibbli, soluzzjonijiet ta' sikurezza diġitali u approċċi bbażati fil-komunità

mmirati lejn il-prevenzjoni tal-kriminalità, it-tnaqqis tat-tensjonijiet soċjali u t-tisħiħ tas-sens ta' sigurtà taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 280
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. jissottolinja, bħala parti mill-politiki dwar ir-reżiljenza urbana u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, il-ħtieġa li tiġi promossa t-trasformazzjoni progressiva tal-muniċipalitajiet fi bliet kardjoprotetti, mifhuma bħala żoni urbani b'network integrat tal-ewwel għajnuna għal avvenimenti kardjoloġiċi.

Or. it

Emenda 281
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-intraprenditorija urbana sostenibbli u l-ekosistemi industrijali innovattivi, filwaqt li jiġu appoġġjati l-SMEs, l-istart-ups, l-intrapriżi soċjali, id-distretti tal-innovazzjoni industrijali, il-manifattura nadifa u l-ktajjen tal-valur lokali li jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 282
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali***, u li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-bliet permezz ta' aċċess għal tagħmir, teknoloġiji u riżorsi adegwati, inklużi soluzzjonijiet b'użu doppju fl-oqsma taċ-ċibersigurtà, l-ispazju, il-konnettività u l-ġestjoni tal-emerġenzi, sabiex jittejbu t-tħejjija, ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' rispons tal-bliet***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi uniċi għall-bliet l-aktar iżolati, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż permezz ta' mekkaniżmi mfassla apposta għall-pożizzjonament minn qabel, il-kondiviżjoni u r-rotazzjoni tal-assi u r-riżorsi tal-protezzjoni ċivili;**

Or. pt

Emenda 283
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali; ***jenfasizza li l-investimenti fir-riċerka jridu jimxu id f'id mat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet lokali, l-iżvilupp ta' sistemi ta' twissija bikrija, l-immodernizzar tal-***

infrastruttura kritika u mal-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, sabiex tiżdied ir-reżiljenza territorjali u jitnaqqas l-impatt tad-diżastri fuq iċ-ċittadini u l-ekonomiji lokali;

Or. ro

Emenda 284
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali; ***jisħaq li l-prevenzjoni tar-riskju idroġeoloġiku fil-livell urban tirrikjedi interventi upstream ta' prijorità fil-baċiri tax-xmajjar muntanjużi li jimplimentaw bis-sħiħ ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura billi jippromwovu r-restawr tal-art bil-ħaxix u tal-foresti u jneħħu ostakli artifiċijali obsoleti mill-passaġġi tal-ilma;***

Or. it

Emenda 285
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali; ***jenfasizza l-impatt dejjem akbar tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni urbani, inklużi l-mewġiet tas-***

sħana, l-għargħar u d-deterjorament tal-kwalità tal-arja; jappella għal investiment akbar fl-infrastruttura ekoloġika urbana, fis-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u fil-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima mmirati lejn it-titjib tar-reżiljenza u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika;

Or. en

Emenda 286
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni***, għall-preparatezza*** u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali***, inklużi kundizzjonijiet estremi tat-temp bħal mewġiet ta' sħana, maltempati bir-ragħad, għargħar, nixfiet u nirien fis-selvaġġ, u biex il-bliet isiru aktar reżiljenti u adattati aħjar għall-impatti tat-tibdil fil-klima***;

Or. en

Emenda 287
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali; ***jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala ambjenti tal-ittestjar għall-innovazzjoni u jħeġġeġ l-iskambju ta' soluzzjonijiet innovattivi li kapaċi***

jtejbu l-għoti ta' servizzi pubbliċi u jżidu r-reżiljenza urbana;

Or. en

Emenda 288
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali ***u avvenimenti klimatiċi estremi billi jissaħħu r-reżiljenza u l-kapaċità ta' adattament tal-bliet Ewropej***;

Or. it

Emenda 289
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi ***għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih kif ukoll*** għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali***, inklużi dawk relatati mal-kriżi klimatika***;

Or. en

Emenda 290
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;	13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali***, filwaqt li jtenni li l-Politika ta' Koeżjoni mhijiex strument ta' kriżi***;

Or. en

Emenda 291
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a Jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni fil-promozzjoni taż-żamma tal-popolazzjoni u l-ġlieda kontra d-depopolazzjoni fil-bliet, b'mod partikolari dawk iżgħar li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi, billi tissaħħaħ l-attraenza ta' dawn iż-żoni, inkluż billi jinħolqu l-impjiegi, tiġi promossa l-innovazzjoni, jiġu żgurati servizzi pubbliċi ta' kwalità u jiġu żviluppati opportunitajiet ekonomiċi ġodda, u b'hekk jingħata kontribut għas-sostenibbiltà taż-żoni tal-madwar;

Or. pt

Emenda 292
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja l-importanza kruċjali ta' approċċ integrat, ċirkolari u reżiljenti għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ilma fl-ambitu tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet li jqis l-infrastruttura ekoloġika u blu bħala networks strateġiċi; jappella għall-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tneħħija tal-pavimentar urban u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, bħall-ġonna tax-xita, bl-għan li jittaffew l-effetti ta' xita estrema u jiġi promoss l-użu mill-ġdid tal-ilma;

Or. it

Emenda 293
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza t-theddida severa u li qed teskala tal-iskarsezza tal-ilma, tan-nixfiet fit-tul, u tad-dežertifikazzjoni li jiffaċċjaw iż-żoni urbani, b'mod partikolari fil-periferija tan-Nofsinhar tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni jimmiraw b'mod espliċitu r-reżiljenza tal-ilma urban, billi jiffinanzjaw is-sistemi innovattivi tal-ġestjoni tal-ilma, it-teknoloġiji ta' desalinazzjoni sostenibbli, u l-infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-ilma mormi;

Or. en

Emenda 294
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li, meta xieraq u f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, il-bliet u l-korpi taż-żoni urbani funzjonali għandhom jingħataw responsabbiltà sostantiva biex jimplimentaw strateġiji integrati għall-iżvilupp territorjali u urban, inkluż permezz ta' rwoli bħal korpi intermedji jew awtoritajiet ta' ġestjoni, sabiex it-teħid ta' deċiżjonijiet jitqarreb aktar mal-livell ta' implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 295
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza li l-kwalità ħażina tal-arja tibqa' waħda mill-isfidi ambjentali l-aktar sinifikanti għas-saħħa li taffettwa l-popolazzjonijiet urbani; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni ta' miżuri li jnaqqsu t-tniġġis u jtejbu l-kwalità tal-arja, b'mod partikolari f'żoni urbani b'densità għolja ta' popolazzjoni;

Or. en

Emenda 296
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrikonoxxi li l-bliet Ewropej huma kkaratterizzati mill-wirt kulturali u mill-identità storika rikki tagħhom; jisħaq fuq l-importanza li jiġi ppreservat il-karattru arkitettoniku, kulturali u storiku tagħhom filwaqt li jiġu promossi żviluppi urbani sostenibbli;

Or. en

Emenda 297
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. jappella għall-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tar-riskju lokali integrati, l-iżvilupp ta' infrastrutturi reżiljenti u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u finanzjarja tal-bliet biex jirrispondu għal riskji klimatiċi multipli u interkonnessi;

Or. ro

Emenda 298
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jisħaq fuq l-importanza ta' strateġiji integrati ta' ppjanar urban fit-tul li jikkombinaw is-sostenibbiltà ambjentali, l-iżvilupp ekonomiku u l-inklużjoni soċjali, sabiex il-bliet ikunu jistgħu jindirizzaw it-tibdil demografiku, l-isfidi klimatiċi u l-bżonnijiet tal-infrastruttura b'mod koerenti;

Or. en

Emenda 299
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jirrikonoxxi li t-tixjiħ demografiku jpoġġi pressjoni dejjem akbar fuq il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-infrastruttura lokali; jappella għal appoġġ immirat biex jgħin lill-bliet jadattaw għat-tibdil demografiku u biex jippromwovi t-tixjiħ attiv u b'saħħtu;

Or. en

Emenda 300
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jenfasizza l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tat-trasformazzjoni industrijali, inkluża t-tranżizzjoni lil hinn mill-industrija tal-faħam u minn industriji oħra li jniġġsu ħafna, li affettwat b'mod sproporzjonat lil ċerti bliet u reġjuni permezz tat-telf tal-impjiegi, tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali; jappella għal appoġġ kontinwu u strutturat għad-diversifikazzjoni ekonomika, għall-programmi ta' taħriġ mill-ġdid u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità;

Or. en

Emenda 301
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13e. Jesprimi tħassib dwar l-impatt tar-rilokazzjoni industrijali u d-deindustrijalizzazzjoni fuq l-ekonomiji lokali u d-dħul muniċipali; jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika, tiġi appoġġjata l-innovazzjoni u jiġi attirat investiment sostenibbli fil-bliet u fir-reġjuni affettwati;

Or. en

Emenda 302
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13f. Jirrikonoxxi l-importanza dejjem tikber tal-governanza metropolitana u taż-żoni urbani funzjonali bħala għodod għall-koordinazzjoni tal-akkomodazzjoni, tat-trasport, tal-iżvilupp ekonomiku, tal-protezzjoni ambjentali u tas-servizzi pubbliċi bejn il-fruntieri amministrattivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw mudelli ta' governanza li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-bliet u l-irħula tal-madwar;

Or. en

Emenda 303
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li s-suċċess ***tal-aġenda tal-UE għall-bliet*** jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli ***u jiżguraw lill-awtoritajiet*** lokali ***u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej***;	14. Josserva li s-suċċess ***tal-Aġenda tal-UE għall-Ibliet*** jiddependi mir-rwol ***attiv*** tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli***, permezz ta' mudelli operazzjonali li jrawmu djalogu u implimentazzjoni aktar diretti u simplifikati bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet ċentrali u l-muniċipalitajiet u li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jissimplifikaw il-ktajjen intermedji; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat l-involviment sistematiku tal-awtoritajiet*** lokali ***mhux biss fil-fażi ta' implimentazzjoni, iżda wkoll fid-definizzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi u l-programmi finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni futura, bl-għan li jiġi żgurat li l-investimenti jkunu ggwidati permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ diġitali interoperabbli ġeoreferenzjati (għodod tal-GIS) u jintużaw biex jagħmlu aktar milli sempliċiment jirreaġixxu għall-emerġenzi***;

Or. it

Emenda 304
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u	14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u

fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;	fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej; ***jisħaq li tali involviment irid isir taħt ir-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri kkonċernati, f'konformità mal-istrutturi kostituzzjonali u amministrattivi nazzjonali tagħhom, u ma jridx joħloq kanali paralleli ta' teħid ta' deċiżjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet lokali jew reġjonali;***
	Or. en

Emenda 305
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;	14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej; ***jappella għal allinjament b'saħħtu bejn l-Aġenda u l-Politika ta' Koeżjoni wara l-2027, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-istrumenti u tiġi ppreservata n-natura bbażata fuq il-post tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni;***
	Or. en

Emenda 306
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;	14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet ***u tar-reġjuni*** fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol ***vinkolanti u*** strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej; ***iwissi li kwalunkwe riċentralizzazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-livell nazzjonali timmina dak ir-rwol u tnaqqas l-effettività tal-investiment ibbażat fuq il-post;***

Or. en

Emenda 307
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;	14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli***, filwaqt li jirrispettaw l-arranġamenti istituzzjonali u l-kompetenzi reġjonali tal-Istati Membri*** u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;

Or. en

Emenda 308
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;	14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali***, lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet ċivili attivi fiż-żoni urbani*** rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;

Or. en

Emenda 309
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija ***u l-governanza*** f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;	14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija***, il-governanza*** f'diversi livelli ***u r-rwol tal-approċċ ibbażat fuq il-post fil-politika futura tal-UE,*** u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;

Or. it

Emenda 310
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	iqis li, minħabba r-restrizzjonijiet strutturali permanenti tagħhom (l-insularità, jekk mhux l-insularità doppja, id-distanza tagħhom mill-kontinent, il-kost tal-materjali importati, it-topografija ristretta tagħhom u l-vulnerabbiltà akbar għal avvenimenti estremi tat-temp u riskji sismiċi), ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea jirrikjedu strateġiji urbani speċifiċi biex jinkiseb żvilupp urban ordnat, sostenibbli u reżiljenti skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
	Or. fr

Emenda 311
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġiet iddiżinjata u implimentata b'mod predominanti minn fuq għal isfel, b'konsultazzjonijiet suċċessivi mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej li juru li l-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kellhom ftit jew l-ebda influwenza fuq l-objettivi, ir-riformi u l-investimenti tal-pjanijiet nazzjonali u li l-konsultazzjonijiet, meta saru, kellhom impatt minimu; jinnota li b'hekk il-bliet spiss ġew limitati għal aġendi ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-livell nazzjonali, mingħajr kontribut ġenwin minn isfel għal fuq; jinsisti li dan il-mudell ma jridx jiġi replikat fil-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u jappella għal salvagwardji vinkolanti għall-involviment tal-bliet mill-istadju

tad-disinn ’il quddiem;

Or. en

Emenda 312
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob li l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jkun obbligatorju, fil-pront, dokumentat u sinifikanti, li jkopri t-tħejjija, in-negozjar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-pjanijiet ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali; jitlob ukoll l-inklużjoni obbligatorja f’dawn il-pjanijiet ta’ kapitoli territorjali u urbani li jirriflettu l-prijoritajiet u l-portafolli tal-proġetti tal-awtoritajiet lokali;

Or. ro

Emenda 313
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza l-importanza li jitrawmu skambji politiċi regolari bejn il-mexxejja lokali u l-mexxejja Ewropej sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politika tal-UE jibqa’ bbażat fuq ir-realtajiet u l-prijoritajiet tal-governanza lokali;

Or. en

Emenda 314

Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jisħaq li l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet u d-dimensjoni urbana futura tal-Politika ta' Koeżjoni jridu jkunu bbażati fuq prinċipju ta' sħubija msaħħaħ, li jiżgura l-involviment f'waqtu, sinifikattivu dokumentat tal-bliet u taż-żoni urbani funzjonali fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ, fir-riežami u fl-emendar tal-pjanijiet ta' investiment nazzjonali u reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sħubija mal-awtoritajiet lokali u urbani ssir salvagwardja prattika għal twettiq effettiv, aktar milli eżerċizzju ta' konsultazzjoni formali;

Or. en

Emenda 315
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-kapaċità lokali huwa marbut direttament ma' twettiq aħjar tal-politika, fiduċja akbar u reżiljenza demokratika aktar b'saħħitha u jenfasizza li l-programmi ta' bini tal-kapaċità żviluppati għall-bliet għandhom ikunu flessibbli, prattiċi u reattivi għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-bliet;

Or. en

Emenda 316
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej ***inkluż permezz tat-tagħlim bejn il-pari, tal-assistenza teknika u tal-Inizjattiva Urbana Ewropea u tal-inizjattivi URBACT***; ***jisħaq li l-bini tal-kapaċità amministrattiva għandu jinkludi l-kapaċità istituzzjonali fit-tul, l-ippjanar strateġiku, il-ħiliet diġitali, il-kapaċità tal-akkwist u l-governanza urbana, b'mod partikolari għall-bliet żgħar u ta' daqs medju; jenfasizza li l-qafas leġiżlattiv futur għandu jipprovdi dispożizzjonijiet ċari dwar l-appoġġ disponibbli għall-bliet fl-ambitu tal-Faċilità tal-UE, filwaqt li jiżgura t-trasparenza, il-prevedibbiltà u l-aċċess effettiv għall-istrumenti rilevanti; jisħaq li l-assistenza teknika trid tinżamm u tissaħħaħ aktar bħala għodda ewlenija biex tappoġġja lill-bliet fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' kwalità, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tad-djalogu strutturat promoss mill-Kummissjoni fl-ambitu tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet; iqis li dawn il-mekkaniżmi huma essenzjali biex tissaħħaħ il-governanza f'diversi livelli, jissaħħaħ il-prinċipju ta' sħubija u tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tal-bliet fid-disinn u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni;**

Or. en

Emenda 317
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej***, b'mod partikolari għall-bliet żgħar u ta' daqs medju u għaż-żoni interni***; ***jappella, fil-qafas tal-baġit tal-UE ta' wara l-2027, għal simplifikazzjoni mmirata favur il-muniċipalitajiet żgħar, li tippromwovi u tappoġġja mudelli stabbli ta' kooperazzjoni istituzzjonali u ġestjoni konġunta bejn l-awtoritajiet lokali, bħall-unions tal-muniċipalitajiet, l-uffiċċji konġunti tal-ippjanar u l-korpi ċentrali lokali għall-akkwisti, bl-għan li jittejbu l-kapaċitajiet tekniċi u jiġi żgurat li l-aktar territorji vulnerabbli ma jiġux esklużi mill-programmi Ewropej;**

Or. it

Emenda 318
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet ***u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej***;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet ***billi tissaħħaħ il-kapaċità umana, teknika u finanzjarja tagħhom, inkluż permezz ta' assistenza teknika mmirata, miżuri ta' bini tal-kapaċità u l-iskambju tal-aħjar prattiki***; ***jappella għal aktar simplifikazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn u jiġu ssimplifikati l-proċeduri, sabiex jiġu pprovduti benefiċċji tanġibbli għall-benefiċjarji finali;**

Or. en

Emenda 319
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej***, billi jitnaqqsu l-għadd u l-kumplessità tar-rekwiżiti ta' rapportar, jiġi implimentat il-prinċipju ta' awditu uniku, tiżdied l-armonizzazzjoni, jiġu minimizzati l-ostakli amministrattivi***; ***jiġu diġitalizzati l-proċeduri ta' rapportar u monitoraġġ fl-istrumenti kollha tal-politika ta' koeżjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi diġitali nazzjonali, reġjonali u tal-UE;***

Or. en

Emenda 320
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej***, b'mod partikolari għall-bliet żgħar u ta' daqs medju***; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jnaqqsu l-burokrazija u jissimplifikaw il-proċeduri għall-aċċess u l-implimentazzjoni tal-finanzjament Ewropew; jissottolinja l-importanza ta' mudelli ċari, akkwisti simplifikati u rekwiżiti mnaqqsa għall-għoti tal-**

permessi;

Or. en

Emenda 321
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq ***fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità*** amministrattiva tal-bliet ***u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej***;	15. Jisħaq ***li l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali għandhom jindirizzaw mhux biss l-investimenti urbani iżda wkoll ir-riformi urbani meħtieġa biex jissaħħaħ it-twettiq lokali, inklużi l-kapaċità*** amministrattiva***, il-governanza f'diversi livelli, il-kapaċità fiskali u ta' investiment, l-innovazzjoni tas-settur pubbliku, is-sistemi tad-data u l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet*** tal-bliet ***li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod effettiv***;

Or. en

Emenda 322
Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej; ***jirrimarka li l-investiment fil-kostruzzjoni residenzjali u fl-infrastruttura muniċipali b'mod partikolari jirrikjedi ċertezza fl-ippjanar, kundizzjonijiet ta' finanzjament stabbli u proċeduri sempliċi u affidabbli għall-għoti ta' permessi u finanzjament;***

Or. de

Emenda 323
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet ***permezz ta' assistenza teknika ddedikata, strutturi konsultattivi permanenti, diġitalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi*** u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej ***u għall-appoġġ immirat għall-muniċipalitajiet żgħar u ta' daqs medju b'riżorsi amministrattivi limitati***;

Or. en

Emenda 324
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej ***u li tiġi żgurata flessibbiltà akbar fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-UE, għal interventi aktar effettivi mfassla apposta għall-karatteristiċi u l-ħtiġijiet uniċi tal-bliet***;

Or. pt

Emenda 325
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej; ***jistieden lill-Kummissjoni tqis l-użu tal-livell NUTS 3 bħala referenza meta talloka l-finanzjament għall-bliet u ż-żoni urbani biex tindirizza aħjar id-disparitajiet lokali f'reġjun;***

Or. en

Emenda 326
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej; ***jappella għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, proċeduri ta' approvazzjoni u rimborż aktar rapidi u assistenza teknika aktar b'saħħitha għall-awtoritajiet lokali;***

Or. ro

Emenda 327
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u ***jiġi simplifikat*** l-aċċess għall-finanzjamenti	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u ***tar-reġjuni u jitnaqqas b'mod sostanzjali l-piż***

Ewropej;	***amministrattiv, titnaqqas il-burokrazija u jiġi ssimplifikat*** l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej***, b'mod partikolari għall-muniċipalitajiet żgħar u ta' daqs medju b'riżorsi limitati***;

Or. en

Emenda 328
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej; ***jenfasizza li s-simplifikazzjoni trid twassal għal tnaqqis ġenwin fil-pożijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-bliet żgħar u ta' daqs medju;***

Or. it

Emenda 329
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;	15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet ***billi jitnaqqsu l-pożijiet amministrattivi bla bżonn, jiġu evitati rekwiżiti eċċessivi u jiġi pprevenut il-gold-plating regolatorju,*** u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;

Or. en

Emenda 330
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	jenfasizza l-importanza ta' żvilupp urban ordnat u sostenibbli fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni biex tiġi promossa r-riġenerazzjoni taż-żoni urbani, b'attenzjoni partikolari għaż-żoni urbani fir-reġjuni ultraperiferiċi, li jiffaċċjaw pressjoni qawwija fuq l-art u spejjeż addizzjonali fuq il-materjali tal-kostruzzjoni.

Or. fr

Emenda 331
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jirrikonoxxi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala qafas strateġiku għall-promozzjoni ta' ambjenti mibnija sostenibbli, inklużivi u ta' kwalità għolja, li jħaddan ukoll azzjoni klimatika effettiva, inklużjoni soċjali, aċċessibbiltà, affordabbiltà u parteċipazzjoni tal-komunità; jisħaq li l-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandhom jiġu integrati fl-Istrateġiji ta' Żvilupp Territorjali Integrat u fl-Istrateġiji ta' Żvilupp Urban Sostenibbli, filwaqt li jikkontribwixxu għad-disinn u għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq il-post li jtejbu l-kwalità tal-ambjent mibni;

Or. en

Emenda 332
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jinsisti li l-aċċess għall-finanzjament tal-koeżjoni u tal-iżvilupp urban ikun ibbażat fuq kriterji ċari, stabbli u oġġettivi u ma jkunx soġġett għal kundizzjonalitajiet politiċi ġodda li jdewmu l-iżborż, joħolqu inċertezza legali għall-awtoritajiet lokali jew jippenalizzaw lir-reġjuni u lill-bliet għad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali;

Or. en

Emenda 333
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir aktar faċli għall-bliet li jaċċessaw il-finanzjament tal-UE direttament, fejn xieraq u kompatibbli mal-mudell ta' governanza adottat, filwaqt li tiġi żgurata implimentazzjoni tal-fondi f'livell aktar lokali, flessibbiltà akbar u rispons aktar effettiv, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Or. pt

Emenda 334
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jitlob li l-awtoritajiet urbani jingħataw id-dritt li jaġġustaw, f'limitu ta' 15 % tal-allokazzjoni urbana approvata, il-baġits u l-proġetti inklużi fl-istrateġija integrata, permezz ta' proċedura ta' notifika simplifikata, meta jinżammu l-objettivi, l-indikaturi u n-natura integrata tal-intervent;

Or. ro

Emenda 335
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq fuq ir-rwol importanti li għandhom in-networks tal-bliet, il-federazzjonijiet tal-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet lokali li jsaħħu l-kooperazzjoni lokali, li jipparteċipaw fil-proċessi ta' konsultazzjoni, li jigbru petizzjonijiet u opinjonijiet mill-bliet u li jagħixxu bħala forum komuni għall-bliet;

Or. en

Emenda 336
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq li d-djalogi ta' livell għoli mħabbra jridu jitwettqu regolarment u b'mod sinifikattiv;

Or. en

Emenda 337
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida permezz ta' sejħiet għal proposti ddedikati u appoġġ dirett lill-bliet, lir-reġjuni u lill-komunitajiet lokali, filwaqt li tippermetti l-iżvilupp, l-ittestjar u l-espansjoni ta' soluzzjonijiet territorjali innovattivi; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw il-kontinwazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala inizjattiva awtonoma fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur, filwaqt li jiżguraw il-viżibbiltà u l-kontribut fit-tul tagħha għall-iżvilupp territorjali sostenibbli;

Or. en

Emenda 338
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jenfasizza li s-suċċess tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet u d-dimensjoni urbana tal-Politika ta' Koeżjoni se jiddependu fuq kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jirriflettu r-realtà tal-proġetti urbani; jappella għal regoli simplifikati u armonizzati, awditi proporzjonati, użu usa' tal-għażliet ta' kostijiet simplifikati, ċertezza legali aktar b'saħħitha,

prefinanzjament adegwat, skedi ta' żmien realistiċi għall-implimentazzjoni, u portal uniku u faċli għall-utent li jiġbor l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE rilevanti għall-bliet;

Or. en

Emenda 339
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jenfasizza li l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għandu jinkludi fergħa urbana ddedikata, aċċessibbli direttament għall-bliet u għaż-żoni urbani funzjonali, biex jappoġġja l-kapaċità amministrattiva, l-innovazzjoni tas-settur pubbliku, it-tħejjija tal-proġetti u r-riformi meħtieġa biex titwettaq l-Aġenda tal-UE għall-Bliet;

Or. en

Emenda 340
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jenfasizza li l-programmi ta' bini tal-kapaċità żviluppati għall-bliet għandhom ikunu flessibbli, prattiċi, u reattivi għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-bliet;

Or. en

Emenda 341
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jilqa' l-istabbiliment ta' djalogu politiku annwali ta' livell għoli li jlaqqa' flimkien il-Kummissjoni Ewropea u l-bliet biex jiġi żgurat djalogu kontinwu dwar l-isfidi u l-opportunitajiet urbani; jisħaq li, minħabba r-rwol strateġiku tal-bliet fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew għandu wkoll ikun involut bis-sħiħ fuq l-istess livell mal-Kummissjoni f'dan id-djalogu politiku ta' livell għoli, filwaqt li tiġi żgurata r-responsabbiltà demokratika u tissaħħaħ ir-rabta bejn ir-realtajiet urbani u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 342
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15d. Jappella biex l-implimentazzjoni ta' djalogu regolari mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet jiġu kkomplementati minn djalogu strutturat mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, sabiex jiġi żgurat li l-perspettivi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata jiġu riflessi b'mod xieraq fl-iżvilupp futur tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet;

Or. en

Emenda 343
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar ***il-finanzjamenti disponibbli***, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ***uniku*** ta' kuntatt Ewropew ***ġenwin li jkopri l-azzjonijiet u l-inizjattivi kollha tal-Unjoni rilevanti għall-bliet u*** li jiġbor fih informazzjoni dwar ***l-opportunitajiet ta' finanzjament***, l-assistenza teknika***, l-għarfien urban, id-data territorjali, il-gwida politika, it-tagħlim bejn il-pari, l-opportunitajiet ta' networking***, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti; ***jisħaq li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' tali pjattaforma tirrikjedi riżorsi finanzjarji u umani adegwati; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tikkomplementa d-dimensjoni diġitali tal-pjattaforma b'servizzi ta' appoġġ iddedikati għall-bliet u ż-żoni urbani funzjonali, inklużi assistenza diretta regolari u djalogu mal-awtoritajiet urbani fi Brussell, u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-pari u l-iskambju bejn il-bliet, inkluż permezz ta' appoġġ għal proġetti konġunti u sħubijiet u t-trasferiment ta' soluzzjonijiet innovattivi madwar l-Unjoni;***

Or. en

Emenda 344
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ***uniku*** ta' kuntatt Ewropew ***ġenwin*** li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti; ***jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-obbligi ta' rapportar li jaffettwaw il-bliet billi tapplika l-prinċipju ta' darba biss, ittejjeb l-interoperabbiltà tad-data, tippromwovi l-għodod ta' rapportar diġitali u telimina d-duplikazzjoni bla bżonn fil-programmi ta' finanzjament u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni; jappella għal miżuri prattiċi ta' bini tal-kapaċità li jiffukaw fuq it-tħejjija tal-proġetti, l-akkwist, il-ġestjoni finanzjarja u l-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni;***

Or. en

Emenda 345
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa ***l-pjattaforma*** futura ***għall-bliet bħal punt*** ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew ***li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika***, l-appoġġ ***għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat*** proġettwali ***jissarrfu f'investimenti*** konkreti;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa***, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-bliet u n-networks tal-bliet, il-Pjattaforma*** futura ***tal-Bliet tal-UE bħala punt uniku*** ta' kuntatt Ewropew ***ġenwin u innovattiv u li huwa strutturat madwar tliet pilastri li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: il-finanzjament, il-bini tal-kapaċità u l-innovazzjoni pubblika***, ***u*** l-appoġġ ***regolatorju u leġiżlattiv; jisħaq li l-Pjattaforma għandha tgħin lill-bliet jimxu minn ideat*** proġettwali ***għal***

investimenti konkreti***, filwaqt li tappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tal-politika, il-kondiviżjoni tal-evidenza, it-tagħlim bejn il-pari u s-simplifikazzjoni***;

Or. en

Emenda 346
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa ***l-pjattaforma*** futura ***għall-bliet bħal punt*** ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew ***li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika***, l-appoġġ ***għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat*** proġettwali ***jissarrfu f'investimenti*** konkreti;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa***, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-bliet u n-networks tal-bliet, il-Pjattaforma*** futura ***tal-Bliet tal-UE bħala punt uniku*** ta' kuntatt Ewropew ***ġenwin u innovattiv u li huwa strutturat madwar tliet pilastri li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: il-finanzjament, il-bini tal-kapaċità u l-innovazzjoni pubblika***, ***u*** l-appoġġ ***regolatorju u leġiżlattiv; jisħaq li l-Pjattaforma għandha tgħin lill-bliet jimxu minn ideat*** proġettwali ***għal investimenti*** konkreti***, filwaqt li tappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tal-politika, il-kondiviżjoni tal-evidenza, it-tagħlim bejn il-pari u s-simplifikazzjoni***;

Or. en

Emenda 347
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew li	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ***uniku*** ta' kuntatt Ewropew

jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;	***ġenwin*** li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti; ***Jistieden lill-Kummissjoni toħloq ċentru telefoniku biex tappoġġja u tassisti lill-awtoritajiet lokali meta jindirizzaw kwistjonijiet differenti relatati mad-disinn, mal-applikazzjoni u mal-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u l-offerti tal-UE;***

Or. en

Emenda 348
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ***uniku*** ta' kuntatt Ewropew ***ġenwin*** li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti; ***jistieden lill-Kummissjoni tevita li timponi obbligi addizzjonali ta' rapportar, monitoraġġ jew governanza fuq il-bliet mingħajr ma tipprovdi appoġġ finanzjarju u amministrattiv adegwat;***

Or. en

Emenda 349
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt uniku Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti***;***	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt uniku Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti***, flimkien mal-Gateway Unika stabbilita bir-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].***

Or. en

Emenda 350
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt uniku Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt uniku Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti***, filwaqt li jibnu fuq il-pjattaformi diġà eżistenti fil-livell tal-UE u jintegrawhom***;

Or. ro

Emenda 351
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ***uniku*** ta' kuntatt Ewropew ***ġenwin*** li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika ***inkluż f'oqsma bħall-akkwist, l-għoti ta' permessi***, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;

Or. en

Emenda 352
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa ***l-pjattaforma*** futura għall-bliet ***bħal punt*** ta' kuntatt ***uniku*** Ewropew ***li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika***, l-appoġġ ***għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti***;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa***, f'kollaborazzjoni mal-bliet u n-networks tal-bliet, il-pjattaforma*** futura għall-bliet ***bħala punt uniku*** ta' kuntatt Ewropew ***ġenwin u innovattiv u li huwa mibni madwar tliet pilastri li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: il-finanzjament, il-bini tal-kapaċità u l-innovazzjoni pubblika***, ***u*** l-appoġġ ***regolatorju u leġiżlattiv***;

Or. en

Emenda 353
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt uniku Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-	16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt uniku Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-

finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;	finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti ***li jaqdu l-aħjar il-bżonnijiet lokali***;

Or. en

Emenda 354
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jadattaw l-istrumenti tal-Aġenda Urbana għall-Unjoni Ewropea sabiex jindirizzaw aħjar l-isfidi ewlenin tal-aċċessibbiltà u l-insularità/l-insularità doppja fir-reġjuni ultraperiferiċi, billi jiffaċilitaw il-finanzjament ta' infrastruttura tat-trasport urban nadifa, networks reżiljenti tal-provvista tal-ilma u żviluppi li kapaċi jifilħu għal perikli klimatiċi kbar. Fil-prattika, l-għodod urbani Ewropej spiss jitfasslu għall-Ewropa kontinentali. Għalhekk għandu jiġi mfittex approċċ finanzjarju u metodoloġiku mfassal apposta għar-reġjuni ultraperiferiċi, b'attenzjoni partikolari għall-kwistjoni tal-insularità doppja (aċċess għas-servizzi għall-bliet fil-gżejjer periferiċi) u r-reżiljenza għal avvenimenti estremi tat-temp u riskji sismiċi;

Or. fr

Emenda 355
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iqis li huwa essenzjali li, f'konformità mal-impenji fil-Patt tas-Sindki tal-UE u l-mudelli tal-Kuntratt tal-Bliet Klimatiċi, il-bliet jippromwovu tranżizzjoni ambjentali integrata billi jiffukaw fuq modifiki retroattivi profondi tal-enerġija tal-istokk tal-bini u l-iżvilupp ta' sistemi ta' mobbiltà urbana multimodali u attivi; jisħaq fuq l-importanza li jissaħħaħ l-ippjanar pubbliku sabiex titħaffef l-elettrifikazzjoni tat-trasport lokali u l-użu ta' infrastruttura sikura għall-mobbiltà mhux motorizzata (mixi u ċikliżmu), filwaqt li jiġu ssalvagwardjati t-territorji billi jitwaqqaf it-teħid tal-art, jitrawwem l-użu mill-ġdid ta' spazji eżistenti u tiġi eskluża l-privatizzazzjoni tas-servizzi;

Or. it

Emenda 356
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jemmen li huwa importanti li tiġi evitata l-kompetizzjoni fost il-bliet u ċ-ċentri urbani meta jiġu ddiżinjati strumenti ta' finanzjament tal-UE; jemmen li meta jiġu allokati r-riżorsi, għandu jkun hemm distinzjoni bejn żoni metropolitani kbar u bliet ta' daqs żgħir u medju; jisħaq li l-kapaċità amministrattiva, ir-riżorsi u d-disponibbiltà ta' persunal imħarreġ ivarjaw bejn il-bliet skont id-daqs tagħhom;

Or. en

Emenda 357
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità, fi ħdan il-politika ta' koeżjoni, lill-investimenti għall-konnessjoni ta' ċentri urbani kbar permezz ta' networks ferrovjarji ta' veloċità għolja, filwaqt li tiżgura l-integrazzjoni tagħhom man-networks tat-trasport reġjonali u lokali, bl-għan li jissaħħu l-kompetittività, il-mobbiltà sostenibbli u l-koeżjoni territorjali tal-Unjoni.

Or. ro

Emenda 358
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li s-suċċess tal-Pjattaforma tal-Bliet tal-UE ma għandux jiddependi biss mir-riżorsi allokati fil-QFP li jmiss u għandu jiġi appoġġjat b'riżorsi adegwati fis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea, inkluż id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, kif ukoll b'riżorsi adegwati fid-DĠ settorjali;

Or. en

Emenda 359
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-awtonomizzazzjoni istituzzjonali, it-titjib tal-ħiliet tal-persunal u l-modernizzazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika lokali, sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-bliet li jippjanaw, jimplimentaw u jimmaniġġjaw politiki pubbliċi effettivi li jkunu qrib iċ-ċittadini u mfassla għall-karatteristiċi uniċi għal kull żona;

Or. pt

Emenda 360
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrikonoxxi t-turiżmu sostenibbli bħala mutur importanti tal-iżvilupp ekonomiku lokali; jappella għal kirjiet sostenibbli għal żmien qasir, protezzjoni tal-wirt kulturali, diversifikazzjoni tal-prodotti tat-turiżmu, ġestjoni tal-istaġjonalità u r-reżiljenza tal-ekosistemi tat-turiżmu lokali;

Or. en

Emenda 361
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jisħaq li l-Pjattaforma għandha

tgħin lill-bliet jimxu minn ideat proġettwali għal investimenti konkreti, filwaqt li tappoġġja wkoll is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki, il-kondiviżjoni tal-evidenza, it-tagħlim bejn il-pari.

Or. en

Emenda 362
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatti territorjali tal-inizjattivi futuri tal-Unjoni li jaffettwaw il-bliet u l-iżvilupp urban, filwaqt li tagħmel użu akbar mill-Valutazzjonijiet tal-Impatt Territorjali, meta xieraq;

Or. en

Emenda 363
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura riżorsa adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u jfakkru li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura riżorsa adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u jfakkru li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop; ***jenfasizza li l-qafas finanzjarju pluriennali futur irid***

iżomm allokazzjoni vinkolanti minima għall-iżvilupp urban sostenibbli, tal-anqas fil-livell stabbilit għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li huma mfassla speċifikament għall-bliet u li jindirizzaw l-isfidi speċifiċi li dawn jiffaċċjaw, inkluż billi jinħarġu sejħiet għal proposti fl-oqsma rilevanti, bl-għan li jitnaqqsu d-disparitajiet intrareġjonali u interreġjonali u tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jiġi ggarantit id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju;

Or. ro

Emenda 364
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsa*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkru*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsi*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli***; itenni li l-politika ta' koeżjoni għandha tibqa' politika distinta tal-Unjoni bl-objettivi, il-governanza u l-baġit tagħha u ma għandhiex tiġi assorbita fi strumenti ta' kompetittività usa'***; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali ***futuri*** u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkar*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop; ***jisħaq li l-appoġġ għall-bliet fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni jibqa' prevedibbli, ibbażat fuq il-post u implimentat taħt ġestjoni kondiviża filwaqt li jiġu ppreservati l-objettivi ġenerali u d-dimensjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni;***

Or. en

Emenda 365
Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsa*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkru*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsi*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali ***futuri*** u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkar*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop; ***jitlob, f'dan ir-rigward, li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni territorjali u lokali, u jqis li mill-anqas 20 % tal-ammont totali tal-FEŻR allokat lill-Istat Membru fil-Pjan SNR tiegħu, minbarra għall-assistenza teknika, għandu jiġi allokat għal strateġiji integrati ta' żvilupp territorjali u urban;***

Or. en

Emenda 366
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsa*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsi*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet

ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkru*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta’ 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;	ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali ***futuri*** u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkar*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta’ 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop; ***jisħaq li appoġġ akbar għall-iżvilupp urban ma jridx jirriżulta fi tnaqqis fil-finanzjament għaż-żoni rurali, għall-irħula, għall-muniċipalitajiet żgħar, għar-reġjuni tal-fruntiera jew għar-reġjuni anqas żviluppati, u li l-Istati Membri jeħtiġilhom iżommu biżżejjed flessibbiltà biex jallokaw ir-riżorsi skont il-prijoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tagħhom;***
	Or. en

Emenda 367
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsa*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, ***u jfakkru*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta’ 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsi*** adegwati***, prevedibbli u delimitati*** għall-iżvilupp ***reġjonali u*** urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali ***futuri*** u tal-Faċilità tal-UE, ***ifakkar*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta’ 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop ***u jinsisti li mill-anqas livell vinkolanti ekwivalenti jinżamm wara l-2027***; ***jisħaq li l-flessibbiltà tal-arkitettura finanzjarja l-ġdida ma tridx tintuża biex jitnaqqsu r-riżorsi disponibbli għall-politika ta’ koeżjoni jew biex dawn jiġu ddevjati lejn strumenti ġestiti ċentralment;***
	Or. en

Emenda 368
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsa adegwati*** għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkru*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsi delimitati*** għall-iżvilupp urban sostenibbli ***u kapitolu urban iddedikat fil-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali***; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali ***futuri*** u tal-Faċilità tal-UE, u ***jfakkar*** li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;

Or. en

Emenda 369
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsa*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE***, u jfakkru li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop***;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsi*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali ***futuri*** u tal-Faċilità tal-UE***; jappoġġja ż-żieda fl-allokazzjoni minima għall-iżvilupp urban sostenibbli fl-ambitu tal-FEŻR wara l-2027 mit-8 % attwali għat-13 %, li tirrifletti r-responsabbiltajiet dejjem akbar fdati lill-bliet***;

Or. en

Emenda 370
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid ***jiżgura*** riżorsa adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u jfakkru li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid ***jiżguri*** riżorsa adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli ***bbażat fuq kriterji ekonomiċi u soċjali***; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u jfakkru li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;

Or. pt

Emenda 371
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsa*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli***; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija*** nazzjonali ***u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u jfakkru li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop***;	17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura ***riżorsi*** adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli***, inkluż permezz ta' sejħiet diretti, għotjiet globali u l-inkarigu tal-bliet u ż-żoni urbani funzjonali bħala korpi intermedji jew awtoritajiet ta' ġestjoni, sabiex l-investiment ibbażat fuq il-post ma jiddependix biss fuq deċiżjonijiet meħuda fil-livell*** nazzjonali;

Or. en

Emenda 372
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jirrikonoxxi li l-impatt kumulattiv tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jista' jżid il-kost tal-akkomodazzjoni, tal-infrastruttura urbana u tal-proġetti ta' kostruzzjoni, ipoġġi piżijiet finanzjarji u amministrattivi addizzjonali fuq l-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini, u jnaqqas il-kapaċità tal-bliet li jwettqu investiment f'waqtu u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-impatt kumulattiv tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, il-kostijiet tal-kostruzzjoni u l-investiment urban u, fejn xieraq, tippreżenta miżuri ta' simplifikazzjoni u deregolamentazzjoni li jnaqqsu l-piżijiet regolatorji bla bżonn filwaqt li jappoġġjaw il-kompetittività tal-bliet Ewropej;

Or. en

Emenda 373
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri u tal-Faċilità tal-UE; jappella għal allokazzjoni urbana msaħħa u protetta, b'mill-anqas 15 % tar-riżorsi tal-FEŻR

allokati għall-Iżvilupp Urban Sostenibbli bħala punt ta' riferiment, filwaqt li jiġi żgurat li l-investimenti urbani jiġu integrati wkoll f'fondi rilevanti oħra ta' ġestjoni kondiviża, u jfakkar li fil-perjodu 2021–2027 ġie indikat limitu minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR li għandhom jiġu allokati għal dan l-iskop u nqabeż għal aktar minn 12 %;

Or. en

Emenda 374
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza l-importanza li jiġu definiti strateġiji integrati stabbli u fit-tul għall-politiki urbani mmirati lejn it-tfal u l-adolexxenti fil-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri; jisħaq li dawn l-istrateġiji jridu jqisu l-mikroterritorji u l-periferiji urbani l-aktar vulnerabbli bħala oqsma ta' prijorità għall-azzjoni u jintegraw ir-riżorsi tal-FEŻR għar-riġenerazzjoni urbana mar-riżorsi tal-FSE + għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;

Or. it

Emenda 375
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jiġbed l-attenzjoni għall-vulnerabbiltajiet uniċi tal-bliet li jinsabu

f'reġjuni periferiċi jew insulari li jbatu minn iżolament fil-qasam tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-appoġġ finanzjarju mmirat għar-reżiljenza tal-enerġija urbana f'dawn iż-żoni, speċifikament bl-iffaċilitar tal-modernizzazzjonijiet tal-grilja lokali, il-varar ta' enerġija rinnovabbli deċentralizzata, u l-integrazzjoni f'networks tal-enerġija Ewropej usa';

Or. en

Emenda 376
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li, fejn xieraq u f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, il-bliet u l-korpi taż-żoni urbani funzjonali għandhom jiġu fdati b'responsabbiltajiet sostantivi fl-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-iżvilupp territorjali u urban, inkluż bħala korpi intermedji jew awtoritajiet ta' ġestjoni, sabiex it-teħid ta' deċiżjonijiet jiġi allinjat mal-livell l-eqreb għall-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 377
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jitlob li l-awtoritajiet urbani jkunu involuti b'mod effettiv fit-tfassil, fit-

tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali 2028–2034, speċjalment meta jintużaw strateġiji territorjali u urbani integrati skont il-governanza strutturata f'diversi livelli u f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija;

Or. en

Emenda 378
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Iqis li l-investimenti f'sistemi tat-trasport pubbliku ta' kapaċità għolja, inklużi n-networks tal-metro u tal-ferroviji metropolitani, iridu jiġu rikonoxxuti bħala investimenti strateġiċi għall-kompetittività tal-bliet Ewropej, it-tnaqqis tal-emissjonijiet u ż-żieda fil-mobbiltà tal-forza tax-xogħol;

Or. ro

Emenda 379
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw qafas ta' finanzjament stabbli u fit-tul għal miżuri li jindirizzaw id-disparitajiet territorjali u l-faqar edukattiv, filwaqt li jiżguraw komplementarjetà sħiħa bejn ir-riżorsi nazzjonali u l-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari permezz tal-użu strateġiku tal-FEŻR u tal-FSE+;

	jinsab imħasseb dwar l-impatt tat-tnaqqis fil-finanzjament f'ċerti Stati Membri għal servizzi soċjali bbażati fil-komunità u għal inizjattivi ta' inklużjoni soċjali f'żoni urbani vulnerabbli; itenni l-importanza li l-investimenti fir-riġenerazzjoni suburbana, l-edukazzjoni u t-tfal jitqiesu bħala infrastruttura soċjali strateġika li tista' tiżgura l-koeżjoni territorjali, u l-importanza li dawn l-investimenti jiġu protetti minn politiki fiskali restrittivi;

Or. it

Emenda 380
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jisħaq li l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali għandhom jindirizzaw mhux biss l-investimenti urbani iżda wkoll ir-riformi urbani meħtieġa biex jissaħħaħ it-twettiq lokali, inklużi l-kapaċità amministrattiva, il-governanza f'diversi livelli, il-kapaċità fiskali u ta' investiment, l-innovazzjoni tas-settur pubbliku, is-sistemi tad-data u l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tal-bliet li jimplimentaw l-għanijiet tal-UE b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 381
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

17b. Jisħaq li l-Faċilità tal-UE fl-ambitu tal-QFP li jmiss għandha tinkludi programm urban iddedikat u b'riżorsi adegwati, b'minimu ta' EUR 4 biljun għall-innovazzjoni urbana, il-bini tal-kapaċità, l-assistenza teknika, it-tagħlim bejn il-pari u l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma tal-Bliet tal-UE;

Or. en

Emenda 382
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jisħaq li s-sistemi ta' monitoraġġ għandhom ikunu bbażati fuq indikaturi ċari u data territorjali, bl-involviment dirett tal-awtoritajiet lokali, sabiex jirriflettu aħjar ir-realtajiet fuq il-post u jtejbu ċ-ċirkwiti ta' feedback tal-politika;

Or. en

Emenda 383
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17d. Jappella għal politiki integrati dwar il-ġestjoni tal-ilma urban li jippromwovu l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat, sistemi ta' monitoraġġ intelliġenti, il-prevenzjoni tal-għargħar, ir-reżiljenza għan-nixfa u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma bħala prijoritajiet strateġiċi fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 384
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet; ***jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha u skambju tal-aħjar prattiki bejn bliet ta' daqsijiet differenti u fi Stati Membri differenti, filwaqt li jsir użu akbar min-networks u l-programmi Ewropej eżistenti; iħeġġeġ l-iżvilupp ulterjuri tat-tagħlim bejn il-pari u l-iskambji bejn il-bliet bħala strumenti kosteffettivi għall-kondiviżjoni ta' prattiki tajba u t-titjib tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 385
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. ***Jenfasizza li l-isfidi li jiffaċċjaw il-bliet jirrikjedu approċċ koerenti u integrat fil-politiki u l-istrumenti ta' finanzjament kollha tal-Unjoni;*** jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-

kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju***,*** ***il-prattika u r-replikazzjoni tal-għarfien u*** tal-prattiki tajba bejn il-bliet; ***jitlob li l-Inizjattiva Urbana Ewropea u l-programm URBACT jinżammu u jissaħħu aktar fl-ambitu tal-Faċilità futura tal-UE;***

Or. en

Emenda 386
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-inizjattiva urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, l-isperimentazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-inizjattiva urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, l-isperimentazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet; ***jissottolinja l-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi adegwati għall-iżvilupp urban u appoġġ speċjali għal bliet żgħar u ta' daqs medju, bliet insulari u networks involuti fl-iżvilupp ta' proġetti konġunti;***

Or. it

Emenda 387
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea ***u*** tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea***,*** tal-programm URBACT ***u ta' programmi oħra bħal ESPON URDICO*** biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-

	iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li joperaw gruppi ta' esperti online u offline li jiffukaw fuq l-iskambju ta' prattiki tajba u pjattaformi bejn il-pari bejn il-bliet;***

Or. en

Emenda 388
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet; ***jitlob li l-proċessi tagħhom għall-applikazzjoni għall-finanzjament u l-assistenza jiġu ssimplifikati, peress li huma kumplessi u tekniċi żżejjed, u jħallu impatt sproporzjonat fuq il-bliet żgħar u ta' daqs medju;***

Or. en

Emenda 389
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***u l-valur miżjud tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju

tal-prattiki tajba bejn il-bliet ***u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-kontinwazzjoni tagħhom***;

Or. en

Emenda 390
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***u l-valur miżjud tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet ***u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-kontinwazzjoni tagħhom***;

Or. en

Emenda 391
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet ***u n-Networks Nazzjonali tal-Bliet b'Saħħithom tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa***;

Or. en

Emenda 392
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-inizjattiva*** urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-isperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;	18. Jenfasizza r-rwol fundamentali ***tal-Inizjattiva*** Urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, ***l-esperimentazzjoni***, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba ***u s-sħubijiet b'saħħithom*** bejn il-bliet;

Or. en

Emenda 393
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li l-Aġenda tal-UE għall-Bliet għandha tibni fuq l-Aġenda Urbana tal-UE u ssaħħaħha billi tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet, l-azzjonijiet u l-evidenza prodotti mis-sħubijiet tal-Aġenda Urbana jiġu kkunsidrati b'mod sistematiku fit-tfassil tal-politika tal-UE, fis-simplifikazzjoni regolatorja, fl-implimentazzjoni tal-finanzjament u fil-ħidma futura tal-Pjattaforma tal-Bliet tal-UE; jitlob li l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet għandha tiġi mmonitorjata u evalwata kontinwament abbażi ta' indikaturi kwalitattivi speċifiċi;

Or. en

Emenda 394

Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet tirrikjedi arkitettura ċara u komplementari ta' governanza u finanzjament, bil-Politika ta' Koeżjoni tibqa' l-fergħa prinċipali ta' investiment tagħha, ikkomplementata mill-Inizjattiva Urbana Ewropea, mill-programm URBACT, mill-Pjattaforma tal-Bliet futura u minn programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, filwaqt li jiġu żgurati sinerġiji, tiġi evitata l-frammentazzjoni u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-awtoritajiet urbani;

Or. en

Emenda 395
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jenfasizza li huwa importanti li l-ippjanar urban ikollu bażi soda fix-xjenza u l-istatistika; jitlob li jissaħħaħ l-involviment tal-Eurostat fi sħubijiet urbani sabiex tiġi promossa l-koproduzzjoni ta' indikaturi statistiċi standardizzati li jirriflettu l-impatt soċjali u ambjentali tal-politiki ta' koeżjoni fil-livell lokali, reġjonali u taż-żona urbana funzjonali (FUA);

Or. it

Emenda 396
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Iħeġġeġ l-użu ta' teknoloġiji diġitali, data u intelliġenza artifiċjali biex jittejjeb l-ippjanar urban, is-servizzi pubbliċi jsiru aktar effiċjenti, tiġi ottimizzata l-mobbiltà, jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tiżdied il-kwalità tal-ħajja, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-prinċipji tat-trasparenza;

Or. ro

Emenda 397
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Iħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-bliet fir-rigward tar-riġenerazzjoni urbana, l-akkomodazzjoni affordabbli, l-adattament għat-tibdil fil-klima, is-sikurezza urbana, ir-reżiljenza demografika, l-inklużjoni soċjali, is-soluzzjonijiet innovattivi ta' mobbiltà u r-rivitalizzazzjoni ta' dawk li qabel kienu żoni industrijali, abbażi tal-esperjenza tal-Inizjattiva Urbana Ewropea u ta' URBACT;

Or. en

Emenda 398
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jappella għal sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-istrateġiji ta' żvilupp urban u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (S3) reġjonali sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-investiment pubbliku u l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 399
Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jissottolinja l-valur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kooperazzjoni intermuniċipali, kif ukoll l-importanza u d-drittijiet tal-awtonomija lokali;

Or. de

Emenda 400
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jilqa' l-kontribut xjentifiku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u ċ-Ċentru tal-Għarfien għall-Politiki Territorjali tiegħu; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa li l-ħidma tiegħu ssir direttament aċċessibbli fis-sħubijiet tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet billi jiġu żviluppati għodod ta' assistenza teknika simplifikati u mingħajr ħlas li jagħmlu l-

użu prattiku tad-data miftuħa aktar faċli għall-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari l-bliet żgħar u ta' daqs medju;

Or. it

Emenda 401
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jisħaq li l-Aġenda futura tal-UE għall-Bliet trid tippromwovi approċċ ibbażat fuq il-post, li jippermetti li l-investimenti u l-politiki jiġu adattati għall-ħtiġijiet u l-isfidi lokali u jsaħħaħ il-komplementarjetà bejn il-politika ta' koeżjoni u politiki oħra tal-Unjoni;

Or. ro

Emenda 402
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jilqa' l-istabbiliment ta' Siġill ta' Eċċellenza għal proġetti ta' kwalità għolja ppreżentati fl-ambitu tal-Inizjattiva Urbana Ewropea, li jippermetti li proġetti li ma jistgħux jiġu ffinanzjati minħabba restrizzjonijiet baġitarji jibbenefikaw minn finanzjament alternattiv tal-Unjoni jew tal-Politika ta' Koeżjoni filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-proċeduri ta' evalwazzjoni;

Or. en

Emenda 403
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jenfasizza l-importanza ta' skambji politiċi bejn il-mexxejja lokali u l-mexxejja Ewropej u l-importanza ta' skambji tekniċi bejn il-prattikanti lokali u dawk li jfasslu l-politika Ewropea biex jifhmu aħjar ir-realtajiet lokali;

Or. en

Emenda 404
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jenfasizza li d-djalogi tekniċi mħabbra għandhom iġibu pjattaforma sinifikattiva li żżid il-valur għall-formati eżistenti ta' skambju; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-djalogi politiċi u tekniċi mħabbra jirrappreżentaw mekkaniżmu ta' governanza aktar strutturat, marbut b'mod qawwi mal-Aġenda Urbana għall-UE, sabiex jiġu żgurati l-kontinwità, is-segwitu u l-koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-bliet u n-networks tal-bliet;

Or. en

Emenda 405
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jisħaq li l-kuntest ġeopolitiku attwali, ikkaratterizzat mill-gwerra fil-fruntieri tal-Unjoni, l-intensifikazzjoni tat-theddid ibridu, il-pressjonijiet fuq is-sigurtà tal-enerġija u l-volatilità ekonomika, jirrikjedi li l-Aġenda tal-UE għall-Bliet tiġi adattata sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza, il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-komunitajiet urbani;

Or. ro

Emenda 406
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jilqa' l-proġetti pilota li għandhom l-għan li jimplimentaw il-kunċett ta' "bliet adatti għat-tfal" f'ambjenti urbani; jappoġġja, f'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni ta' inizjattivi integrati li jsaħħu s-sikurezza u s-sostenibbiltà tar-rotot mid-dar għall-iskola billi jippromwovu l-mobbiltà attiva u jillimitaw it-traffiku tal-vetturi privati qrib l-iskejjel;

Or. it

Emenda 407
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***18d. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja, permezz tal-politika ta' koeżjoni, l-investiment fl-infrastruttura ekoloġika u blu bħala element essenzjali tal-iżvilupp urban modern, billi tiżviluppa spazji ekoloġiċi u tikkapitalizza fuq il-passaġġi tal-ilma u ż-żoni max-xtut tal-ixmajjar, filwaqt li tgħin biex il-bliet isiru aktar attraenti, funzjonali u reżiljenti;**

Or. ro

Emenda 408
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***18d. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ, bħala parti mill-Aġenda tal-UE għall-Bliet u permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni territorjali bħal URBACT, issaħħaħ il-mudelli ta' kodisinn mal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ għall-iżvilupp urban sostenibbli, u b'hekk tiżgura li l-ħtiġijiet ta' dawn tal-aħħar jiġu integrati fl-ippjanar lokali;**

Or. it

Emenda 409
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta'	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta'

strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali; ***jappella għall-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' segwitu u ta' espansjoni li permezz tiegħu l-proġetti urbani li jiġu ttestjati jew approvati fi ħdan Orizzont Ewropa, il-missjonijiet Ewropej, l-Inizjattiva Urbana Ewropea, LIFE, Interreg u programmi oħra ġestiti direttament, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-FEŻR għall-implimentazzjoni u l-iskalar; jitlob li jiġu rikonoxxuti l-valutazzjonijiet tekniċi li diġà twettqu u li jiġi evitat li jerġa' jinbeda l-proċess kollu ta' valutazzjoni u ġustifikazzjoni;***

Or. ro

Emenda 410
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ ***lill-bliet irid ikun*** żgurat ***mhux biss*** permezz tal-politika ta' koeżjoni***, iżda wkoll*** permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ ***u*** AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ ***minn inizjattivi differenti tal-Unjoni għall-bliet għandu jkun komplementari u għandu jiġi*** żgurat permezz tal-politika ta' koeżjoni ***inklużi l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u Interreg u*** permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+***,*** AgoraEU***, Ewropa Globali u l-Boxxla għall-Kompetittività***; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali; ***jisħaq li koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn dawn l-istrumenti hija essenzjali biex***

jiġi massimizzat il-valur miżjud Ewropew, tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali u jiġi żgurat li l-bliet ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod effettiv minn sorsi komplementari ta' appoġġ;

Or. en

Emenda 411
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali; ***ifakkar li l-aċċess għall-istrumenti tal-Unjoni għall-kompetittività għandu jiżgura wkoll bilanċ ġeografiku xieraq bejn l-Istati Membri u r-reġjuni; jisħaq li t-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea jibda bi bliet b'saħħithom u reżiljenti li joffru akkomodazzjoni affordabbli, infrastruttura affidabbli, servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u ambjent sigur għaċ-ċittadini u n-negozji;***

Or. en

Emenda 412
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat ***mhux biss*** permezz tal-politika ta' koeżjoni***, iżda wkoll*** permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat ***primarjament*** permezz tal-politika ta' koeżjoni ***u, b'mod komplementari,*** permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; ***jisħaq li dawn l-istrumenti jridu jikkomplementaw u mhux jissostitwixxu jew jassorbu l-finanzjament ta' koeżjoni u li l-programmi ġestiti ċentralment ma jridux iċaħħdu lir-reġjuni u l-bliet minn riżorsi taħt ġestjoni kondiviża;*** jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali ***filwaqt li jiġi żgurat li dawn ma jsirux sostitut għal finanzjament pubbliku adegwat***;

Or. en

Emenda 413
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li ***l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss*** permezz tal-politika ta' koeżjoni***, iżda wkoll*** permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li ***l-Aġenda tal-UE għall-Bliet għandha ssaħħaħ ir-rwol tal-bliet bħala sħab fl-ekosistema tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Ewropa, tiġi żgurata*** permezz tal-politika ta' koeżjoni ***u*** permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU ***u billi tiżviluppa interfaċċa tal-UE aktar b'saħħitha bejn il-bliet u x-xjenza biex tgħin lill-bliet isarrfu r-riċerka, l-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet lesti għall-politika u investiment skalabbli***; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;

Or. en

Emenda 414
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, ***il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa,*** Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali ***inkluż l-iżvilupp ta' nodi urbani biex jissaħħaħ it-trasport multimodali li jikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 415
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+***, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili,*** u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;

Or. pt

Emenda 416
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali***, tiġi appoġġjata l-innovazzjoni u tissaħħaħ il-kompetittività urbana***;

Or. it

Emenda 417
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ***ta' strumenti oħra*** tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ***tal-istrumenti l-oħra kollha*** tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+***, il- Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa*** u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;

Or. en

Emenda 418
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, ***il-Fond Soċjali Ewropew Plus,*** Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;

Or. en

Emenda 419
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ ***u AgoraEU***; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;	19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;

Or. en

Emenda 420
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li l-Aġenda tal-UE għall-Bliet għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bliet bħala msieħba ewlenin fl-ekosistema tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Ewropa, b'mod partikolari billi ttejjeb l-aċċess tagħhom għal Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u programmi rilevanti oħra, u billi tibni interfaċċa tal-UE aktar b'saħħitha bejn il-bliet u x-xjenza li tgħin lill-bliet isarrfu r-riċerka u l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet lesti għall-politika u investiment skalabbli;

Or. en

Emenda 421
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jissottolinja li l-kontribut tal-bliet għat-tranżizzjoni tal-enerġija u r-reżiljenza għall-klima jrid jibqa' soċjalment u ekonomikament sostenibbli, jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, iqis il-punti ta' tluq differenti tal-Istati Membri u tar-reġjuni, u ma jimponix kostijiet sproporzjonati fuq iċ-ċittadini, il-familji u l-baġits lokali;

Or. en

Emenda 422
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jżidu l-appoġġ tagħhom għall-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, ir-restawr tan-natura u r-reżiljenza għall-klima fil-bliet permezz ta' strateġiji integrati ta' żvilupp territorjali;

Or. en

Emenda 423
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali għal soluzzjonijiet għal proġetti ta' żvilupp urban u ta' riġenerazzjoni sabiex jiġu mħeġġa proġetti arkitettoniċi innovattivi, funzjonali u ta' kwalità għolja.

Or. ro

Emenda 424
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-ispazji ħodor, il-parks, il-faċilitajiet sportivi u ż-żoni ta' rikreazzjoni fil-promozzjoni tal-benesseri fiżiku u mentali tar-residenti urbani, fit-tisħiħ tal-koeżjoni

soċjali u fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja; barra minn hekk, jistieden lill-awtoritajiet urbani jinvestu fi spazji pubbliċi aċċessibbli, inklużivi u ta' kwalità għolja li jinkoraġġixxu l-attività fiżika, l-involviment tal-komunità u l-kuntatt man-natura, filwaqt li jsaħħu r-reżiljenza urbana għat-tibdil fil-klima permezz ta' aktar spazji mħaddra u bijodiversità;

Or. en

Emenda 425
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jitlob li l-proġetti urbani integrati jkunu jistgħu, fi ħdan qafas uniku, jiffinanzjaw l-investimenti fiżiċi, id-disinn, il-konsultazzjoni u l-ħolqien konġunt, l-attivazzjoni komunitarja, il-mižuri ta' bidla fl-imġiba, il-ġbir u l-analiżi tad-data, il-monitoraġġ tal-impatt u l-ispejjeż inizjali tal-operat u tal-manutenzjoni; jitlob li dawn l-ispejjeż ikunu eliġibbli għal perjodu tranżitorju sa ħames snin abbaži ta' pjan ċar ta' sostenibbiltà;

Or. ro

Emenda 426
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. itlob li jiġu stabbiliti komponenti u sejħiet iddedikati għall-bliet u ż-żoni urbani funzjonali taħt programmi ġestiti direttament mill-Kummissjoni Ewropea,

bil-possibbiltà li l-awtoritajiet lokali u l-istrutturi metropolitani jippartećipaw bħala applikanti ewlenin; jappella għas-simplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess, ir-rekwiżiti tal-konsorzji u l-obbligi amministrattivi, kif ukoll għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi għat-trasferiment ta' proġetti vvalutati b'mod favorevoli lejn sorsi oħra ta' finanzjament fil-każ li l-baġits tas-sejħiet għal proposti jiġu eżawriti;

Or. ro

Emenda 427
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. jenfasizza li l-istrumenti finanzjarji u s-sħubijiet pubbliċi-privati jridu jikkomplementaw u mhux jissostitwixxu l-finanzjament mhux rimborżabbli; jitlob li jinżammu fis-seħħ għotjiet għall-infrastruttura pubblika mingħajr introjtu suffiċjenti, għal akkomodazzjoni affordabbli, edukazzjoni, inklużjoni soċjali, riġenerazzjoni ta' komunitajiet emarġinati, spazji pubbliċi, mobbiltà sostenibbli u adattament għat-tibdil fil-klima;

Or. ro

Emenda 428
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jissottolinja l-valur ***tal-investimenti***	20. Jissottolinja l-valur ***tal-użu u l-***

territorjali integrati (ITI);	***implimentazzjoni ta' strumenti*** territorjali integrati (ITI) ***u żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD), li jgħinu biex jitnaqqsu l-lakuni fl-iżvilupp intrareġjonali billi jinvolvu l-atturi rilevanti kollha fil-livell lokali, u jisfruttaw l-opportunitajiet lokali, filwaqt li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tad-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju"***; ***jenfasizza wkoll l-importanza ta' approċċi integrati bbażati fuq il-post u kooperazzjoni fil-livell taż-żoni funzjonali sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi komuni li jiffaċċjaw il-bliet u t-territorji ġirien;***

Or. ro

Emenda 429
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI);	20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI); ***jisħaq li ż-Żoni Urbani Funzjonali għandhom jitqiesu fejn xieraq, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-isfidi relatati mal-akkomodazzjoni, is-swieq tax-xogħol, it-trasport u l-innovazzjoni spiss jestendu lil hinn mill-fruntieri amministrattivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu aktar l-ippjanar u l-investiment integrati fil-livell taż-Żoni Urbani Funzjonali fejn xieraq, filwaqt li jagħmlu użu aħjar tal-ITI u strumenti oħra bbażati fuq il-post;***

Or. en

Emenda 430
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI);	20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI); ***jitlob għall-possibbiltà li proġett metropolitan jiġi ppreżentat u implimentat permezz ta' benefiċjarju koordinatur uniku, inkluża assoċjazzjoni għall-iżvilupp interkomunitarju, abbażi ta' kuntratt ta' finanzjament uniku, bagit konsolidat u indikaturi stabbiliti fil-livell taż-żona urbana funzjonali; jitlob li tiġi evitata l-frammentazzjoni artifiċjali tal-investimenti bejn l-unitajiet amministrattivi-territorjali parteċipanti;***

Or. ro

Emenda 431
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI);	20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI)***, il-miżuri ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità u strumenti oħra bbażati fuq il-post fit-twettiq ta' strateġiji urbani integrati li jikkombinaw l-akkomodazzjoni soċjali u pubblika, ir-riġenerazzjoni tal-viċinat, l-ispazju pubbliku, ir-rinnovazzjoni għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-innovazzjoni, il-mobbiltà sostenibbli, l-aċċessibbiltà għas-servizzi essenzjali u l-infrastruttura soċjali***;

Or. en

Emenda 432
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI);	20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI)***, jappella għall-użu akbar tagħhom u jisħaq li l-appoġġ tal-UE għall-bliet għandu jippermetti strateġiji urbani integrati li jlaqqgħu flimkien l-akkomodazzjoni, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku, aktar milli jiddependu biss fuq sejħiet ibbażati fuq proġetti, li spiss ikunu frammentati***;

Or. en

Emenda 433
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI);	20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI); ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu akbar minn tali strumenti;***

Or. en

Emenda 434
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti	20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti

territorjali integrati (ITI);	territorjali integrati (ITI) ***u strumenti territorjali oħra bbażati fuq il-post***;

Or. en

Emenda 435
Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jinnota li l-bliet jiffurmaw spazji ekonomiċi, tal-għajxien, tax-xogħol u kulturali funzjonali flimkien maż-żoni rurali u li l-iżvilupp tagħhom huwa marbut mill-qrib; jinnota li l-bliet flimkien maż-żoni rurali jiffurmaw spazji ekonomiċi, tal-għajxien, tax-xogħol u kulturali funzjonali, u li l-iżvilupp tagħhom huwa marbut mill-qrib; jistieden lill-Kummissjoni torbot mill-qrib l-aġenda tal-UE għall-bliet mal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali sabiex tiġi żgurata politika ta' żvilupp territorjali koerenti li tqis b'mod sistematiku l-interdipendenzi;

Or. de

Emenda 436
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq li, fejn xieraq u f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, il-bliet u l-korpi taż-żoni urbani funzjonali għandhom jiġu fdati b'responsabbiltajiet sostantivi fl-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-iżvilupp territorjali u urban, inkluż

bħala korpi intermedji jew awtoritajiet ta' ġestjoni, sabiex it-teħid ta' deċiżjonijiet jiġi allinjat mal-livell l-eqreb għall-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 437
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. jenfasizza l-ħtieġa għal approċċi integrati fil-livell taż-żoni urbani funzjonali, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tagħhom biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi komuni bħall-mobilità sostenibbli, il-kriżi tad-djar, l-ippjanar spazjali u t-tranżizzjoni ekoloġika u biex jiżguraw koeżjoni territorjali reali bejn iċ-ċentri urbani kbar u l-komunitajiet tal-madwar;

Or. ro

Emenda 438
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ kooperazzjoni volontarja aktar b'saħħitha bejn il-muniċipalitajiet ġirien fl-indirizzar tal-isfidi komuni relatati mal-akkomodazzjoni, il-mobbiltà, l-infrastruttura u l-ippjanar spazjali;

Or. en

Emenda 439
Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jirrimarka li miljuni ta' ċittadini jivvjaġġaw kuljum bejn il-bliet u ż-żoni ta' madwarhom; jisħaq, għalhekk, fuq ir-rwol tan-networks tat-trasport reġjonali u tal-infrastruttura diġitali ta' prestazzjoni għolja;

Or. de

Emenda 440
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi garantit li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi garantit li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp; ***jisħaq fuq l-isfida demografika u l-ispostament tal-popolazzjoni fi bliet żgħar u ta' daqs medju; jenfasizza l-effetti ta' dan it-tnaqqis fil-popolazzjoni fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi u s-servizzi f'dawn iż-żoni urbani; iqis li konnettività u servizzi essenzjali mtejba huma elementi ewlenin biex il-popolazzjoni tibqa' fil-bliet żgħar u ta' daqs medju;***

Or. en

Emenda 441

Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp; ***jenfasizza b'mod partikolari l-isfidi li jiffaċċjaw il-bliet żgħar u ta' daqs medju li għaddejjin minn tnaqqis demografiku, tranżizzjoni industrijali jew mid-depopolazzjoni, u l-ħtieġa li jiġu ppreservati servizzi pubbliċi ta' kwalità, ħajja kulturali, opportunitajiet ta' impjieg u kundizzjonijiet tal-għajxien attraenti għall-ġenerazzjonijiet iżgħar;***

Or. en

Emenda 442
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi garantit li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni***, u lill-bliet fiż-żona tal-fruntiera tal-lvant li tmiss mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna***, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi garantit li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp***, li se jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija lokali, iż-żieda fil-kompetittività, il-ħolqien u ż-***

żamma tal-impjiegi u t-tnaqqis tad-disparitajiet maċ-ċentri urbani l-kbar;

Or. ro

Emenda 443
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, ***lill-bliet*** insulari u kostali ***kif ukoll liż-żoni interni***, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, ***lill-muniċipalitajiet rurali, lill-irħula, liż-żoni periurbani, lill-komunitajiet*** insulari u kostali ***u lil żoni territorjali żvantaġġati oħra***, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp; ***jisħaq fuq l-importanza ta' żvilupp urban-rurali bbilanċjat u tat-tisħiħ tar-rabtiet funzjonali bejn il-bliet u l-komunitajiet rurali ta' madwarhom;***

Or. en

Emenda 444
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

opportunitajiet ta’ żvilupp;	***jirrikonoxxi li l-bliet żgħar u ta’ daqs medju spiss jiffaċċjaw ostakli amministrattivi u finanzjarji għoljin b’mod sproporzjonat meta jaċċessaw il-finanzjament tal-Unjoni u għalhekk jirrikjedu assistenza teknika mmirata u proċeduri simplifikati;***

Or. en

Emenda 445
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta’ daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta’ żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta’ daqs medju***, liż-żoni urbani u metropolitani, lill-bliet li qed jiċkienu***, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta’ żvilupp; ***jirrikonoxxi l-importanza taż-żoni urbani funzjonali u s-sħubijiet urbani-rurali fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;***

Or. en

Emenda 446
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta’ daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta’ daqs medju, lill-bliet insulari u kostali***, liż-żoni***

interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

muntanjużi, interni u dawk fuq il-fruntiera, kif ukoll liż-żoni ***rurali funzjonalment marbuta magħhom***, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom***, inkluża d-depopolazzjoni,*** u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess ***sempliċi, dirett u*** adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

Or. en

Emenda 447
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp***, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' allokazzjoni finanzjarja mfassla apposta li jikkumpensaw għall-iżvantaġġi ġeografiċi permanenti***;

Or. en

Emenda 448
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni

interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	interni, ***u lill-bliet fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant,*** billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi***, ta' sigurtà*** u territorjali speċifiċi tagħhom***, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 174 tat-TFUE,*** u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

Or. en

Emenda 449
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet ***muntanjużi, skarsament popolati,*** insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi***, soċjali, tal-aċċess għas-saħħa*** u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

Or. en

Emenda 450
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi garantit li jkollhom	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali***, lill-bliet fir-reġjuni ultraperiferiċi,*** kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali

aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	speċifiċi tagħhom u jiġi garantit li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

Or. pt

Emenda 451
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***garantit*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;	21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari***, rurali*** u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ***ġeografiċi,*** ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi ***żgurat*** li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

Or. en

Emenda 452
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa Strateġija Ewropea għall-Atlantiku ġdida, adattata għar-realtà ġeografika u ġeopolitika attwali, li tirrikonoxxi r-rwol strateġiku tal-bliet kostali u tar-reġjuni ultraperiferiċi bħala punti ta' konnessjoni tal-Unjoni mal-kontinenti Amerikani u Afrikani madwar l-Atlantiku, filwaqt li tippromwovi l-investimenti fir-riċerka xjentifika, l-ekonomija blu sostenibbli, il-monitoraġġ tal-oċeani, is-sigurtà marittima, il-

konnettività u r-reżiljenza territorjali, tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-Unjoni, u fl-istess ħin tinkludi viżjoni ta' sigurtà u difiża tal-fruntieri u tiġġieled kontra t-traffikar transatlantiku tad-droga, li qed jiddegrada ħafna minn dawn il-bliet u l-komunitajiet;

Or. pt

Emenda 453
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jirrikonoxxi li l-mobbiltà urbana sostenibbli tirrikjedi taħlita ta' modi ta' trasport, inklużi l-mixi, iċ-ċikliżmu, it-trasport pubbliku, is-servizzi ta' mobbiltà kondiviża, bħall-car sharing, filwaqt li jiġu żgurati l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u s-sikurezza għall-utenti kollha; jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' sistemi tat-trasport multimodali li jnaqqsu l-konġestjoni, itejbu l-kwalità tal-arja, isaħħu l-inklużjoni soċjali u jikkontribwixxu għall-objettivi tan-newtralità klimatika fil-bliet;

Or. en

Emenda 454
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jirrikonoxxi li l-bliet li għaddejjin minn tranżizzjoni industrijali jiffaċċjaw

sfidi ekonomiċi, soċjali u demografiċi speċifiċi, inklużi r-ristrutturar industrijali, it-telf ta' impjiegi, in-nuqqas ta' ħiliet u l-ħtieġa li tiġi mmodernizzata l-infrastruttura; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ immirat biex isaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-iżvilupp ekonomiku fit-tul tagħhom;

Or. en

Emenda 455
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-bliet ta' daqs medju li qed jiffaċċjaw depopolazzjoni, eżodu ta' mħuħ u tixjiħ demografiku; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' strateġiji integrati li jikkombinaw opportunitajiet ta' impjieg, akkomodazzjoni affordabbli, servizzi pubbliċi ta' kwalità, vitalità kulturali u mobbiltà sostenibbli sabiex jinżamm u jiġi attirat it-talent;

Or. en

Emenda 456
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jilqa' l-fatt li l-pjattaforma proposta għandha l-potenzjal li tagħti s-setgħa lill-bliet li jista' ma jkollhomx l-għarfien espert f'oqsma ta' intervent bħal

pereżempju: l-isfruttar tal-opportunitajiet tal-akkwist; id-djalogu bejn l-industrija u l-bliet; taħlita strateġika ta' sorsi differenti ta' finanzjament flimkien mal-għarfien espert u l-appoġġ tekniku, l-iżvilupp tal-proġetti tul iċ-ċiklu tal-ħajja, u l-iżvilupp tal-portafoll tal-investiment;

Or. en

Emenda 457
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza l-importanza ta' skambji politiċi bejn il-mexxejja lokali u l-mexxejja Ewropej; jisħaq li d-djalogi ta' livell għoli mħabbra għandhom jitwettqu b'mod rikorrenti u sinifikattiv;

Or. en

Emenda 458
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jirrikonoxxi l-importanza dejjem tikber tad-diplomazija urbana u tal-kooperazzjoni bejn il-bliet fl-indirizzar tal-isfidi kondiviżi u fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali; iħeġġeġ it-tisħiħ tas-sħubijiet bejn bliet ġemellati u forom oħra ta' kooperazzjoni muniċipali bħala strumenti siewja għall-iskambju tal-aħjar prattiki, id-djalogu kulturali, il-

kooperazzjoni ekonomika u t-tagħlim reċiproku, filwaqt li jitrawmu l-valuri Ewropej u s-solidarjetà internazzjonali fil-livell lokali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jżidu l-appoġġ tagħhom għal dawn l-inizjattivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jżidu l-appoġġ tagħhom għan-Network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE;

Or. en

Emenda 459
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi programm tat-trasport POSEI mmirat biex jindirizza r-restrizzjonijiet permanenti li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi, rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà, il-konnettività u l-mobbiltà, filwaqt li jiġu żgurati soluzzjonijiet adattati għall-karatteristiċi uniċi tal-bliet tar-reġjuni ultraperiferiċi, inklużi konnessjonijiet bit-triq, bl-ajru u marittimi aktar sostenibbli, sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, u tiġi promossa l-integrazzjoni sħiħa ta' dawn iż-żoni fis-suq uniku u tittejjeb il-kompetittività tagħhom;

Or. pt

Emenda 460
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jisħaq li d-djalogi bejn l-UE u l-bliet skont l-Aġenda tal-UE għall-Bliet għandhom ikunu marbuta maċ-ċiklu ta' politika tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-bliet u n-networks rappreżentattivi tagħhom ikunu involuti fi stadju bikri fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni u fir-rieżami tal-leġiżlazzjoni tal-UE fejn huwa mistenni t-twettiq fil-livell lokali; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-użu sistematiku ta' kontrolli tal-impatt urban u djalogi ta' implimentazzjoni biex tiżgura li r-regoli tal-UE jkunu fattibbli għall-amministrazzjonijiet tal-bliet;

Or. en

Emenda 461
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-inizjattivi futuri tal-Unjoni li jaffettwaw il-bliet ikunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt territorjali proporzjonati sabiex jiġu evalwati aħjar l-effetti tagħhom fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-użu tal-art, l-infrastruttura, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri fl-ippjanar spazjali;

Or. en

Emenda 462
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jisħaq li l-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tal-bliet Ewropej jiddependu fuq il-kapaċità tagħhom li jattiraw, jiżviluppaw u jżommu t-talent; jenfasizza l-importanza tal-universitajiet, taċ-ċentri ta' riċerka, tal-SMEs, tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, tal-opportunitajiet kulturali u tas-servizzi pubbliċi ta' kwalità fil-kisba ta' dan l-objettiv;

Or. en

Emenda 463
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jenfasizza li d-djalogi tekniċi mħabbra għandhom jirriżultaw fi pjattaforma sinifikattiva li żżid il-valur għall-formati eżistenti ta' skambju; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-djalogi politiċi u tekniċi mħabbra ma jkunux eżerċizzji ta' darba iżda jirrappreżentaw mekkaniżmu ta' governanza aktar strutturat, marbut b'mod qawwi mal-Aġenda Urbana għall-UE, sabiex jiġu żgurati l-kontinwità, is-segwitu u l-koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-bliet u n-networks tal-bliet;

Or. en

Emenda 464
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-bliet tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni aktar milli tikkomplika t-twettiq tal-politika ta' koeżjoni billi tnaqqas il-piżijiet amministrattivi bla bżonn, tippromwovi kontrolli proporzjonati u bbażati fuq ir-riskju, tħeġġeġ l-użu ta' għodod diġitali u għażliet ta' kostijiet simplifikati, u tevita strutturi ta' governanza duplikati jew mekkaniżmi ta' implimentazzjoni paralleli;

Or. en

Emenda 465
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu r-rabtiet bejn il-bliet, iż-żoni rurali u ż-żoni kostali, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol strateġiku tal-agrikoltura, is-sajd u l-ekonomija blu fl-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà tal-ikel u l-koeżjoni territorjali, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi uniċi għar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn iż-żoni urbani u rurali spiss ikunu interkonnessi;

Or. pt

Emenda 466
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jisħaq fuq l-importanza ta' tfassil ta' politika urbana bbażat fuq l-evidenza permezz ta' data urbana armonizzata, valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u kapaċitajiet ta' monitoraġġ lokali, li jippermettu evalwazzjoni aħjar tal-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni u jtejbu t-tfassil ta' politiki urbani futuri;

Or. en

Emenda 467
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jappella għal monitoraġġ aktar b'saħħtu tal-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet permezz ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu b'enfasi fuq l-eżiti, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn għall-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 468
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrestawra l-programm tas-sajd POSEI, tirrikonoxxi l-importanza strateġika tiegħu għall-bliet kostali fir-reġjuni

ultraperiferiċi u għall-komunitajiet tas-sajd lokali, u tiżgura li l-programm tal-agrikoltura POSEI jinżamm u jissaħħaħ bħala għodda essenzjali għas-sigurtà tal-ikel, is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-biedja lokali u r-reżiljenza ekonomika u territorjali tar-reġjuni ultraperiferiċi;

Or. pt

Emenda 469
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta regolarment l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-bliet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, filwaqt li tevita pożijiet ta' rapportar addizzjonali għall-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 470
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Iqis li l-Aġenda futura tal-UE għall-Bliet għandha ssir qafas politiku strateġiku li jiggwida d-dimensjoni urbana tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 471
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill irawmu dibattitu Ewropew permanenti dwar il-futur tal-mudelli tal-iżvilupp urban u territorjali, li jinvolvi istituzzjonijiet rilevanti bħall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-universitajiet, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti; jistieden, barra minn hekk, lill-Unjoni ssaħħaħ il-parteċipazzjoni u l-viżibbiltà tagħha f'fora internazzjonali rilevanti, inklużi l-UN-Habitat u l-Forum Urban Dinji, filwaqt li tiżgura li l-bliet u t-territorji Ewropej ikunu rappreżentati b'mod xieraq u li l-esperjenza Ewropea tikkontribwixxi għad-dibattitu globali dwar il-futur tal-bliet;

Or. en

Emenda 472
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni billi tipprovdi ħarsa ġenerali aktar ċara tal-istrumenti u l-gwida disponibbli filwaqt li tevita d-duplikazzjoni tal-informazzjoni f'inizjattivi differenti tal-Unjoni; jappella għal appoġġ immirat li jippermetti lill-applikanti għall-ewwel darba, b'mod partikolari l-bliet żgħar u ta' daqs medju, jipparteċipaw b'mod aktar effettiv fil-programmi tal-Unjoni permezz

ta' proċeduri simplifikati u assistenza teknika; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-għarfien espert u l-kapaċità amministrattiva żviluppati permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni jibqgħu fi ħdan l-amministrazzjonijiet lokali wara t-tlestija tal-proġett;

Or. en

Emenda 473
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-karatteristiċi uniċi għall-bliet fir-reġjuni ultraperiferiċi jitqiesu kif xieraq fil-politika ta' koeżjoni, inkluż permezz ta' miżuri mfassla apposta, derogi u l-applikazzjoni ta' żidiet xierqa meta ġġustifikati mir-restrizzjonijiet permanenti tagħhom skont l-Artikolu 349 tat-TFUE; jenfasizza l-importanza tal-programmi Interreg u LEADER u tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali bħala għodod essenzjali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali, il-konnettività u l-iżvilupp sostenibbli tal-bliet fir-reġjuni ultraperiferiċi.

Or. pt

Emenda 474
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President	22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President

tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill ***u*** lill-Kummissjoni.	tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill***,*** lill-Kummissjoni***, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri***.

Or. en